KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

**Minuti tat-33 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 6 ta' Ottubru 2021 fil-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

33.01 **Talba**

33.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

33.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

33.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

33.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa nru 32**

33.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 32 ġew approvati unanimament. Is-Sindku ippropona u l-Viċi-Sindku issekondat.

33.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.04.01 Is-Sindku nforma li l-Festa Nar organizzata mir-Reġjun Nofsinhar kienet suċċess u ma kienx hemm problemi. Huwa qal ukoll li nhar il-Ġimgħa huwa kien ser jattendi għaċ-ċerimonja fejn ser isir it-tqassim tar-rikonoxximenti.

33.04.02 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma' Callus rigward x'seta' jinżara fl-area tal-ġibjun l-antik u s-Sur Callus kien ser jibgħatilha *quotation*.

33.04.03 Is-Sindku nforma li ftit tal-ġranet ilu kellu laqgħa mas-CEO ta' IM. Huwa kompla li x-xogħol fi Triq Valletta miexi kif ippjanat, kien tħaffer ġibjun għall-ilma tax-xita u x-xogħol mistenni jitlesta sa Novembru. Huwa żied jgħid li fit-triq kienu ser jiġu nstallati dwar ġodda bil-*cables* jgħaddu minn taħt l-art.

33.04.04 Is-Sindku nforma li x-xogħol fit-Triq tar-Robba, x-xogħol ta' għoti tal-konkos kien miexi kif ippjanat.

33.04.05 Rigward Triq George Martin, is-Sindku spjega li għad hemm il-problemi. Huwa spjega kif il-kuntrattur laqgħat madwar 4 metri mill-Ħajt tal-Matla. Huwa qal li malli kien infurmat, hu kien mar fuq il-post flimkien mal-Perit inkarigat mix-xogħlijiet. Il-kuntrattur ġie immultat €60,000 u x-xogħol kien twaqqaf temporanjament sakemm il-bieraħ ingħatat l-ordni sabiex dan jissokta. Il-parti tal-ħajt milquta għandha tiġi rranġata.

33.04.06 Is-Sindku spjega li jinsab infurmat li l-isqaq ta' fejn iċ-Ċimiterju għandu jingħata bil-konkos, Triq iż-Żurrieq ser issir bl-asfalt filwaqt li għandha ssir ukoll Triq Baskal Xuereb. Rigward Sqaq Buħar u sqaqien oħra fi Triq tas-Sejba, kienet ser issir talba lil IM fil-futur.

33.04.07 Rigward il-problema tal-ħamiem, is-Sindku spjega li għad hemm problema sabiex isir *trapping* kif kien ġie approvat fl-aħħar laqgħa u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikseb parir legali dwar kif l-aħjar li jipproċedi fiċ-ċirkostanzi. Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li tinkiteb ittra lir-residenti kif ukoll li ssir talba lil-*Cleansing Dept*. sabiex isir tindif ta' Triq il-Fjuri u l-akkwati.

33.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

33.05.01 Il-Viċi-Sindku semmiet problema ikkawżata minn ġebla li tpoġġiet bħala għatba fi Triq il-Karmnu meta kien qed isir ix-xogħol bil-konsegwenza li l-karozzi qed jispiċċaw jaħbtu magħha peress li t-triq dejqa . Ġie deċiż li din il-problema tiġi riferuta lil-Perit tal-PWD sabiex naraw tistax tissolva.

33.05.02 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li jsir *party* għat-tfal ġewwa s-sala tal-iskola fit-18 ta' Diċembru. Il-Viċi-Sindku għandha tmur fuq il-post sabiex tara jekk il-*basement* jistax jakkomoda t-tfal fiċ-ċirkostanzi preżenti kif ukoll illi jekk id-data hux disponibbli.

***Il-Kunsillier Sciberras ingħaqad mal-Kunsill fil-5.30 pm***

33.05.03 Il-Viċi-Sindku nfurmat li kienet qed taħdem fuq *Coffee Morning* fil-bidu ta' Diċembru. Dwar dan kien hemm qbil.

33.05.04 Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li l-Kunsill japplika sabiex jinstalla bandla għal persuni li jużaw siġġu bir-roti ġewwa Ġnien Tfal ir-Raħal taħt l-iskema li nħarġet mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

33.05.05 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* rigward il-*markings* tal-*parking bays* fi Triq Ħal Kirkop. Is-S.E. informa li l-konna qed nistennew data mingħand il-kuntrattur peress li kien kwarantina għal xi żmien imbagħad meta kellu jiġi kien il-maltemp. Is-Sindku żied jgħid li jridu jsiru wkoll il-*parking bays* fi Triq Xandru Farrugia u s-*service roads* tal-*Bypass*.

33.05.06 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ix-xogħol fil-Ġnien tal-Mentna u s-S.E. informa li konna għad irridu nġibu *quotations* sabiex tikber il-kamra li fiha ser ikun hemm l-apparat tad-dawl kif ukoll li l-istess kamra tkun tingħalaq.

33.05.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* rigward il-*fence* ta' Ġnien Mikelang Sapiano u s-S.E. informa li l-ħadid kellu jasal għada.

33.05.08 Il-Kunsillier Dingli ressaq talba f'isem resident sabiex jeħlu xi *poles* tal-*plastic* sabiex jiġi evitat li l-vetturi jitilgħu il-bankina. Il-Kunsillier Dingli għandu jipprovdi ritratt tal-post.

33.05.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar *update* rigward il-ħofra li hemm fi Triq il-Madonna tal-Ġilju li trid issir mill-WSC. Is-S.E. informa li l-Kunsill kien reġa' għamel talba ġdida sabiex isir dan ix-xogħol però sa llum għad ma għandiex informazzjoni li dan ix-xogħol kien sar.

33.06.10 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li meta jkollna bżonn xi *quotations*, għandu jintbagħat ħaddiem minn tal-Kunsill sabiex jinġabru dawn l-istess *quotations* sabiex jinġabru malajr. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li dan is-suġġeriment mhux daqshekk faċli li jiġi mplimentat minħabba diversi raġunijiet. Ġie deċiż li l-ħaddiema jibdew jintbagħatu jagħmlu xogħol ta' knis f'postijiet fejn il-kennies mhux qed ilaħħaq imur.

33.06.11 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li l-fanali l-ġodda li ser isiru fi Triq Karmenu Ciantar isiru b'tali mod li jkun jista' jintrama magħhom xi armar tal-Milied. Deċiżjoni finali tittieħed la darba jintgħażel id-disinn tal-fanali.

33.06.12 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kif konna bqajna dwar it-tbattil tal-bjar fi Sqaq l-Isptar minħabba li ġew kontaminati bid-drenaġġ. Is-S.E. informa li konna għadna qed nistennew mingħand il-WSC.

33.06.13 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar *update* rigward it-tabella ħdejn ir-*reserved parking bay* fil-Pjazza u s-S.E. informa li din kienet ordnata u li għandha teħel fil-ġranet li ġejjin.

33.06.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar *update* fuq l-i*spreadsheet* li kienet issuġġeriet il-Viċi-Sindku. Is-S.E. informa li kien nuqqas min naħa tiegħu li ma baqax jagħmel *update* fuq bażi regolari però wiegħed li ser jagħmel l-almu tiegħu sabiex din l-i*spreadheet* tiġi aġġornata.

33.06.15 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta dwar nuqqas ta' knis fi Triq il-Parroċċa (Triq tan-Nofs). Kien hemm qbil li nkellmu lill-kennies sabiex il-knis f'din il-parti tat-triq isir fuq bażi regolari.

33.06.16 Il-Kunsillier Sciberras ressaq talba f'isem resident sabiex jiżdied fanal fi Triq Santa Marija. Ġie innutat li filwaqt li m'għandiex iktar fanali, jista' jkun hemm problema minħabba li tneħħew l-*overhead cables*.

33.06.17 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li tintbagħat ittra lir-residenti fil-bidu ta' Triq San Bażilju (ħdejn il-*Youth Centre*) dwar ħmieġ li qed iħallu l-qtates. Dan is-suġġeriment ġie approvat u s-S.E. għandu jipprepara din l-ittra sabiex titqassam.

33.06.18 Il-Kunsillier Zaffarese ressaq suġġeriment ta' xi residenti sabiex il-*cat shelter* li għadu ma ġiex installat jitpoġġa wara l-*Bus Shelter* fil-bidu ta' Triq Karmenu Ciantar. Wara diskussjoni, dan is-suġġeriment ma ġiex approvat peress li l-post indikat jiġi wara residenza privata.

33.06.19 Il-Kunsillier Zaffarese ressaq ilment f'isem resident sabiex titranġa l-bankina l-ġdida li saret fi Triq Valletta sabiex is-sid ikun jista' jidħol bil-vettura fil-propjetà tiegħu mingħajr ma jagħmel ħsara peress li qed tħakkek. Is-Sindku nforma li għandu jara x'jista' jsir.

33.06.20 Il-Kunsillier Zaffarese ressaq suġġeriment sabiex isiru *sleeping policemen* quddiem iċ-ċimiterju u fi Triq Santa Katerina ħdejn il-*Convenience* għaliex dan l-aħħar ittajjru xi qtates. Dan is-suġġeriment ma ġiex approvat.

33.06.21 Il-Kunsillier Zaffarese informa li sid ta' stabbiliment fi Triq San Bażilju staqsa jekk jistax iżejjen il-parti ħdejn l-istabbiliment tiegħu għal-festi tal-Milied. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

33.06.22 Il-Kunsillier Zaffarese irrefera talba li rċieva sabiex fil-futur minbarra *dry food* jitqassam ukoll *wet food*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba jekk fil-futur jerġa jkollna xi allokazzjoni għall-ikel.

33.06 **Ħruġ ta' Offerti**

33.06.01 Is-S.E. informa li l-kuntrattur il-ġdid tal-latrina pubblika kien beda jaħdem mill-1 ta' Ottubru u sa llum ma kienx hemm problemi jew ilmenti. Huwa żied jgħid li l-kuntrattur issuġġerixxa li bil-lejl iżomm id-dawl ta' barra mixgħul sabiex ma jiġu evitati xi vendikazzjonijiet u l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

33.06.02 Is-S.E. informa li jridu jiġu stabbiliti l-membri tal-*adjudications boards* tal-offerti li ser jinħargu fil-ġranet li ġejjin u sar qbil dwar min ser ikunu dawn il-membri.

33.07 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

33.07.01 Ċirkulari 10/2021 mingħand id-DLG dwar Avviż Legali jestendi l-mandat tal-AKL. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


33.07.02 Ċirkulari AKL 2021/093 *Covenant of Mayors*. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax f'din l-inizjattiva.

33.07.03 Ċirkulari AKL 2021/094 *Pink October*. Matul Ottubru l-Kunsill qiegħed idawwal il-faċċata tal-Kunsill bil-kulur roża.

33.07.04 Ċirkulari AKL 2021/095 MOU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipt. tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

33.07.05 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward Attività tal-Kunsill Reġjonali fi żmien il-Milied bil-kollaborazzjoni ta' Kunsill Lokali. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

33.07.06 Korrispondenza mingħandu ir-Reġjun Nofsinhar rigward *Youth Exchange*. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

33.07.07 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar rigward Fondi Pendenti mill-Kunsill Reġjonali. Is-S.E. informa li l-Kunsill kien ressaq talba għall-bilanċ li kellna ta' €10,136.91 u t-talba tagħna kienet ġiet approvata u l-fondi diġà jinsabu il-bank.

33.07.08 Korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli rigward iċ-*charging pillars*. Is-S.E. informa li kien weħel *charging pillar* viċin Ġnien Mikelanġ Sapiano kif kien approva l-Kunsill però issa l-Ministeru infurmana li kien ser jiġi nstallat *charging pillar* ieħor fi Triq Mikelina Galea. Huwa qal li konna tlabna lill-Ministeru sabiex dan isir viċin iċ-Ċimiterju fejn hemm aktar spazju għal parkeġġ.

33.07.09 Korrispondenza mingħand il-WSC fejn ġie kkonfermat li kienu rċevew it-talba tagħna sabiex issir tiswija fuq *manhole* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

33.07.10 Korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Artijiet sabiex il-Kunsill iġedded il-kuntratt tad-devoluzzjoni ta' Ġnien Tfal ir-Raħal. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.07.11 Korrispondenza mingħand id-*District Operations* rigward il-*Performance* Appraisal *Report* 2021 għal ħaddiem li jaħdem magħna taħt din l-iskema. Il-Kunsill approva dan il-*Bonus*.

33.07.12 Korrispondenza mingħand Noel Castillo dwar Attivitajiet tal-Milied 2021. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

33.07.13 Korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-Mqabba FC rigward il-grada tal-*Ground*. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza u ġie deċiż li jekk xi resident għadu jħossu aggravat bis-sitwazzjoni, għandu jirrikorri direttament għand Mqabba FC.

33.07.14 Korrispondenza mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Madonna tal-Ġilju dwar *Sponsor a Tree Campaign Proposal*. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta però ġie deċiż li aktar diskussjonijiet isiru meta jiġi identifikat post fejn dawn is-siġar ser ikunu jistgħu jitħawlu.

33.07.15 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju dwar punti pendenti marbuta mal-proġett tal-Pjazza. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jindirizza dawn il-punti sabiex dawn jiġu eliminati kemm jista' jkun malajr.

33.07.16 Ilment mingħand resident kif ukoll mingħand is-Santità rigward ħmieġ fl-inħawi tal-*iBins* fi Triq Ħal Kirkop. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza u ser iwieġeb lis-Santità dwar il-każ.

33.07.17 Is-S.E. irrifera għal korrispondenza li huwa kien bagħat lill-Kunsillieri rigward il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u l-bżonn li tiġi ndirizzata l-problema tal-uffiċini tal-Kunsill. Wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li nerġgħu inkellmu lill-Perit sabiex naraw x'hemm bżonn u x'jista' jsir sabiex isir il-manutenzjoni tal-post sabiex jiġi eliminat kull periklu li jista' jkun hemm.

33.07.18 Is-S.E. ippreżenta l-*quotations* għax-xiri ta' *floodlights* sabiex idawwlu l-faċċata tal-Kunsill u ġie unanimament deċiż li tingħażel l-orħos offerta li kienet dik ta' IML.

33.07.19 Is-S.E. ippreżenta l-*quotations* sabiex isir tindif tal-ġibjun l-antik u ġie unanimament deċiż li tingħażel l-irħas offerta li kienet ta' Maurizio Psaila.

33.07.20 Is-S.E. ippreżenta l-*quotations* għax-xiri ta' materjal tad-dawl għal Ġnien tal-Mentna u ġie unanimament deċiż li tingħażel l-orħos offerta li kienet mingħand Calleja Ltd.

33.08 **Jum l-Imqabba 2021**

33.08.01 Is-S.E. ippreżenta t-3 *quotations* li konna rċivejna għas-serata ta' Jum l-Imqabba 2021. Il-Viċi- Sindku insistiet li hija ma kienitx kontra li ssir din l-attività u li ssir barra però kienet kontra li jintefqu madwar €11,000 għal sagħtejn attività. Hija ssuġġeriet li nitkellmu ma' Martin Gauci sabiex naraw jistax jipprovdielna l-palk u b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż filwaqt illi ssuġġeriet illi fejn huwa possibbli nieħdu servizzi mingħand il-Każini tal-Baned u mhux inħallsu lil *organiser*. Wara diskussjoni ġie deċiż li nkellmu lill-orħos offerent sabiex naraw jekk jistax inaqqas xi affarijiet sabiex l-ispejjeż ma' jaqbżux l-€5,500 plus VAT u li l-Kunsill m'għandux jonqof aktar minn €9,000 b'kollox inkluż il-banda, *tokens* u affarijiet oħra relatati.

33.08.02 Is-S.E. ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla ta' Jum l-Imqabba 2021 u dan ir-rapport ġie approvat unanimament. Fl-istess waqt ġie approvat illi l-persuni li mhux ser jingħataw Ġieħ l-Imqabba, ser ikunu qed jingħataw l-Unur ta' Mertu. L-persuna li ser tingħata Ġieħ l-Imqabba ser tkun qed tingħata l-midalja tal-fidda filwaqt li l-

Viċi-Sindku issuġġeriet illi minflok *token* normali għandna nitkellmu ma' Mdina Glass sabiex jagħmlilna platt li jkun jista' jingħata ta' kull sena fejn ikun hemm stampata l-arma tal-Imqabba u allura jkun esklussivament għalina. Hija uriet xi ritratti u kien hemm qbil unanimu dwar din il-proposta. *Tokens* oħra ser jingħtaw lill-ex-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-ex-Ambaxxatur taż-żgħażagħ għas-servizzi tagħhom. Il-kontestanta li ser tirrappreżenta l-Imqabba fil-konkors Miss Malta 2021 u l-preżentatriċi tas-serata ser jiġu ppreżentati b'bukkett fjuri kull wieħed.

33.08.03 Ġiet approvata l-lista tal-mistednin għas-serata ta' Jum l-Imqabba li kienet waħda ridotta minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti.

33.08.04 Ġie deċiż li flok l-esebizzjoni tal-basketball fil-Pjazza ssir logħba *football* bejn il-veterani ġewwa l-*ground* tal-Mqabba FC is-Sibt wara nofsinhar.

***Il-Kunsillier Sciberras ħalla l-laqgħa fit-8.10pm minħabba mpenji oħra.***

***Peress li kienu għaddew 3 siegħat mill-bidu tal-laqgħa, s-S.E. staqsa lil dawk preżenti jekk xtaqux jeżawrixxu l-items fuq l-Agenda jew inkella jtemmu l-laqgħa u kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa għandha titkompla.***

33.09 **Sotto-Kumitat Tiżjin**

33.09.01 Il-Kunsillier Dingli bħala *Chairperson* tas-Sotto Kumitat informa li fis-Sotto Kumitat kien hemm qbil li jsir fustun fil-Pjazza. Dwar dan ippruvajna niġbru l-*quotations* però kien irnexxielna niġbru waħda biss, dik mingħand Victor Tedesco. Fiċ-ċirkostanzi u peress li konna marbutin biż-żmien, ġie unanimament deċiż li għandha tiġi aċċettata l-offerta tas-Sur Tedesco. Rigward il-materjal li hemm bżonn jinxtara għal dan il-fustun, kien hemm qbil li għandhom jinġabru l-*quotations* u li għandha tingħażel l-orħos offerta fir-rigward tal-*cable*, *holders* u bozoz rispettivament. Il-Kunsillier Dingli informa li kienu ser jinġabru l-*quotations* sabiex jinkrew id-disinji u dwar dan kien hemm qbil unanimu wkoll.

33.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/33**

33.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/33 ġiet approvata unanimament minbarra l-pagamenti nru 2 u 3. Rigward il-pagament nru 29 saret diskussjoni peress li l-Kunsillieri ma kienux ġew avżati b'din l-ispiża u s-Sindku avża li kien qed jerfa r-responsabbiltà personalment. Il-Viċi-Sindku qalet illi l-kont għandu jintbagħat lis-Segretarjat u jitħallas minn hemmhekk għaliex kull Ministru li ġie u nawgura proġett dejjem huma ħadu ħsieb ta' dawn l-ispejjez apparti l-fatt li lanqas *quotations* ma kienu ġew preżentati. Wara diskussjoni ġie deċiż li nibgħatu l-kont lis-Segretarjat Parlamentari li kien responsabbli mill-proġett u nitolbu rifużjoni.

33.10.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Settembru 2021 ġiet approvata unanimament.

33.11 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

33.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:40 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 11 ta' Novembru fis-6:00 pm

Konfermati illum il-Ħamis 11 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |